**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M.Jur**

**Kumpilazzjoni Numru: 422/2022**

**Il-Pulizija**
**[Spettur Omar Zammit]**

**Vs**

**David Fenech**

**Illum, 11 t'Awwissu 2022**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza:

"**David Fenech**, detentur tal-karta ta identita' bin-numru 237881M;

1) U nakkużah talli nhar il-09 ta' Awwissu 2022 u fil-granet u xhur ta' qabel, f'Malta, gab ruhu b'mod li ta fastidju lill-ex siehba tieghu (12-il sena flimkien) Doreen Ciantar u dan bi ksur ta' artikolu 251A (1)(a); 251A (4) tal-Kodici Kriminali ta' Malta.

2) U aktar talli fl-istess zmien, lok u cirkostanzi gab ruhu b'mod li kien jaf jew missu kien jaf li dan ikun ta' fastidju ghal Doreen Ciantar u dan bi ksur ta' artikolu 251A(1)(b); 251A (4) tal-Kodici Kriminali ta' Malta.

3) U aktar talli fl-istess zmien, lok u cirkostanzi gab ruhu b'mod li hu ta' fastidju lill-ex siehba tieghu (12-il sena flimkien) Doreen Ciantar u li l-imgieba tieghu jammonta ghal segwiment ta' persuna bil-mohbi billi ghamel kuntatt jew ttanta li jaghmel kuntatt maghha, tlajja fi kwalunkwe post pubbliku jew privat u qaghad ghassa jew spija fuqha u dan bi ksur ta' Artikolu 251AA (1)(a)(b); 251AA(2); 251AA(3); 251AA(4) tal-Kodici Kriminali ta' Malta.

4) U aktar talli fl-istess zmien, lok u cirkostanzi, permezz ta' apparat ta' komunikazzjoni elettroniku, ghamilt uzu mhux xieraq bih u dan bi ksur ta' Artikolu 49(c) ta' Kap 399 tal-Ligijiet ta' Malta.

5) U aktar talli fl-istess zmien, lok u cirkostanzi ma obdiex l-ordnijiet legittimi tal-awtorita' jew ta' wiehed li jkun inkarigat minn servizz pubbliku u dan bi ksur ta' artikolu 338(ee) tal-Kodici Kriminali ta' Malta.

Il-Qorti hija wkoll gentilment mitluba li tohrog ordni ta' protezzjoni, inkluza fil-mori tal-kawza kontra David Fenech ghall-beneficcju ta' Doreen Ciantar u l-familjari taghha u dan ai termini ta' artikolu 412C tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija wkoll gentilment mitluba li jekk jidhrilha xieraq tordna ordni ta' trattament u dan ai termini ta' artikolu 412D tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija wkoll gentilment mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-ligi, tapplika wkoll l-artikoli 382A, 383, 384 u 385 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghas-sigurta ta' Doreen Ciantar u l-familjari taghha u f'kaz ta' htija ma kull piena li l-Qorti jidhrilha xierqa.

Il-Qorti hija gentilment mitluba li f'kaz ta' htija minbarra li tinflingi l-pieni stabbiliti mill-Ligi, tordna lill-imsemmija persuna sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti, jekk ikun il-kaz, kif provdut fl Artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta."

Semghet l-ammissjoni tal-imputat.

Rat il-fedina penali netta tal-imputat.

Rat il-verbal tal-udjenza tal-lum stess;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena;

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena;

**Ikkunsidrat:**

**Il-Fatti fil-Qosor**

Illi l-imputat huwa akkuzat illi (1) nhar il-09 ta' Awwissu 2022 u fil-granet u xhur ta' qabel, f'Malta, gab ruhu b'mod li ta fastidju lill-ex siehba tieghu Doreen Ciantar; (2) gab ruhu b'mod li kien jaf jew missu kien jaf li dan ikun ta' fastidju ghal Doreen Ciantar; (3) gab ruhu b'mod li hu ta' fastidju lill-istess Doreen Ciantar u li l-imgieba tieghu tammonta ghal segwiment ta' persuna bil-mohbi billi ghamel kuntatt jew ttanta li jaghmel kuntatt maghha, tlajja fi kwalunkwe post pubbliku jew privat u qaghad ghassa jew spija fuqha; (4) ghamel uzu mhux xieraq ta' apparat ta' komunikazzjoni elettroniku; (5) ma obdiex l-ordnijiet legittimi tal-awtorita' jew ta' wiehed li jkun inkarigat minn servizz pubbliku.

**Ikkunsidrat:**

Illi stante ammissjoni tal-imputat **David Fenech** l-akkuzi jirrizultaw pruvati u ghaldaqstant il-Qorti ma tistax hlief issib htija fl-imputat.

**Ikkunsidrat:**

Illi dwar il-piena li ghandha tigi mposta, din il-Qorti rat il-fedina penali netta tal-imputat, il-kollaborazzjoni tieghu mal-Pulizija, in-natura u gravita' tar-reati lilu addebitati.

**Decide:**

Illi wara li rat l-atti kollha tal-kaz, il-Qorti fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati; u wara li rat l-Artikli 251A(1)(a)(b)(4), 251AA(1)(a)(b)(2)(3)(4), 338(ee) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Artiklu 49(c) tal-Kap. 399 tal-Ligijiet ta' Malta qieghda il-Qorti qieghda (1) bl-applikazzjoni ta' l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-

Ligijiet ta' Malta tillibera lill-imputat bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor fi zmien sena mil-lum; (2) ai termini tal-Artiklu 383 tal-Kap. 9 tal-ligijiet ta' Malta torbot lill-imputat b'garanzija favur l-imsemmija Doreen Ciantar ghal zmien sena mil-lum taht penali ta' elf Ewro (€1,000), u (3) tpoggi lill-imputat taht Ordni ta' Trattament ai termini tal-Artiklu 412D u san sabiex wara li ssir id-debita evalwazzjoni jiehu l-ghajnuna mehtiega sabiex isolvi din il-problema tieghu.

Il-Qorti spjegat fi kliem car lill-imputat l-obbligi tieghu taht din is-sentenza u l-imputat iddikjara li fehem l-istess.

***(ft) Magistrat Dr. Monica Vella LL.D, M. Jur.***

(ft) Angelo Buttigieg
Deputat Registratur